## Minuti tal-Laqgħa nru 3 tal-Ħames Kunsill, l-Erbgħa 3 ta' Mejju 2007 fit-8.00 p.m.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Kunsillier Josette Agius Decelis | 8.00 p.m. | 00.00 a.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 8.00 p.m. | 9.42 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.00 p.m. | 00.00 a.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 8.00 p.m. | 9.42 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.00 p.m. | 9.42 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 8.00 p.m. | 00.00 a.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.00 p.m. | 00.00 a.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 8.00 p.m. | 00.00 a.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 8.00 p.m. | 9.42 p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur A. Anastasi, kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 2 tal-11 ta' April 2007**

1.1 Il-Kunsill approva nem.con.

**2.0 Materji Konnessi**

Xejn.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Il-Kunsill approva li jsir ix-xiri ta 200 pubblikazzjoni "*A Guide Through Mosta*" ippubblikat mill-iskola '*Lily of the Valley*' bil-prezz ta' Lm 1.50 il-wieħed għat-total ta' Lm 300.00.

3.2 Il-Kunsill approva illi issir ir-rikors il-Qorti biex jipprotesta mal-Kummissjoni Elettorali dwar tibdil ta' indirizzi li jinsabu fit-Triq Franġisku Pisani, illi minn dejjem din it-triq tgħamel parti mill-Mosta, biex din it-triq tibqa mal-Mosta u ma jsrix parti minn Naxxar.

Is-Sindku issuġerixxa li tintbagħat ittra lill-Kummissarju Elettorali u lill-Kunsill Lokali Naxxar f'dan ir-rigward.

3.3 Is-Sindku jippreżenta l-Avviż Legali 96 ta' l-2007 dwar l-Emenda ta l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar Kunsilli Lokai kif ġie dikjarat li "Minflok id-disinn ta' l-istemma tal-lokalta tal-Mosta li hemm fl-ewwel skeda li tinsab ma' l-Att għandu jidħol dan li ġej



**MOSTA**

3.4 Is-Sindku jippreżenta is-sentenza tal-kawża "RN Cleaners vs Kunsill Lokali Mosta" – għar-rigward id-"*Default Notices*" li kien ħareġ il-Kunsill kontra R.N. Cleaners – fejn il-Qorti ikkundannat lill-Kunsill iħallas is-somma ta' Lm 2,258.00 lill-R.N. Cleaners.

Skond il-parir ta' L-avukat tal-Kunsill, il-Kunsill m'għandux jappella din is-sentenza.

3.5 Is-Sindku ssuġerixxa li għandu jara x'ċans għandu dwar kawża pendenti ta' Alessio Vella / Emmanuel Sammut vs Kunsill dwar l-*easement* fit-Triq il-Kbira u jieħu parir legali, f'dan ir-rigward.

3.6 Il-Kunsill eżamina l-applikazzjoni tal-MEPA–PA 05542/06 ta' "Ta' Marija Restaurant" biex jitpoġġew mwejjed u siġġijiet taħt il-bankina faċċata tar-restorant, u is-Sindku ppropona li din l-applikazzjoni tkun approvata sakemm ix-xogħol jkollu jkun skond il-permessi tal-MEPA u tinżamm l-indafa u l-kostruzzjoni tal-*build-out* u l-konka jkunu għal karigu ta' l-applikant. Il-Viċi Sindku ssekondat.

Saret votazzjoni.

FAVUR = 6 (sitta) – Sindku, V. Sindku, Mario Sammut,Kirby Fenech, Chris Grech u Paul Agius

KONTRA = 4 (erba') – Joe De Martino,Shirley Farrugia, Marthese Mifsud u Nicola Fenech Adami

Il-mozzjoni għaddiet. √

3.7 Is-Sindku ppreżenta l-invit mill-Comune di Ragusa għaż-żjara li ser issir bejn il-Ġimgħa 1 ta' Ġunju u t-Tnejn 4 ta' Ġunju dwar id-dramm "Kiffu" li ser tiġi preżentata f'Ragusa fl-okkażżjoni tal-festa ta' San Ġorġ - taħt il-proġett tal-Interreg IIIA –SMART. Il-Kunsill approva.

3.8 Il-Kunsill approva l-attivita' sportiva li ser issir mill-A.S. Libertas u jipprovdi is-sala, it-trophies u ir-refreshments bħal snin ta' qabel.

3.9 Il-Kunsill approva it-talba tal-kumitat tal-Librerija li jsir l-estensjoni tal-librerija billi jittieħdu xi kmamar tal-pulizija li jinsabu ħajt ma ħajt mal-librerija u jsir laqgħa urġenti mal-Ministru Tonio Borg f'dan ir-rigward u jsir id-devoluzzjoni tagħhom.

3.10 Is-Sindku stqarr li għandu jkun hemm diskussjoni mal-Pulizija u l-Gwardjani Lokali biex għandu jsir aktar edukazzjoni mill-infurzar immedjata. Il-Kunsill approva.

3.11 Inqrat l-ittra mibgħuta mill-Kunsillier J. M. Camilleri fejn nforma lill-Kunsill illi ma kienx ser jattendi il-laqgħa tallum u talab li l-laqgħat jerġgħu isiru nhar ta' tnejn u li jirtira bħala sekondant għall-mozzjoni nru 4 u għar-rigward mozzjoni nru 5, Triq l-Antinni tkun ta' priorita u tiżdid ukoll Triq E.B. Vella u Triq is-Sgħajtar.

3.12 Il-Kunsill approva l-applikazzjoni ta' James Zerafa biex isir reklamar fuq għamara tat-toroq fit-Triq il-Pont . Il-Kunsill għandu jagħmel reviżjoni tar-rati hekk kif jidhru fil-Bye Law preżenti. √

## 4.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku talab li jsir iċċekkjar dwar il-permessi tal-konok fi Triq il-Kostituzzjoni.

4.2 Is-Sindku stqarr li l-Kunsill ġa għandu il-permessi meħtieġa għall-latrina tal-persuni b'diżabilita u jsir ċekkjar jekk il-Maltapost hiex lesta iċedi is-sular t'isfel.

4.3 Is-Sindku ppropona li tiżdid linja oħra ta' l-internet fil-Librerija għall-użu tal-pubbliku.

4.4 Is-Sindku talab li jsir pressjoni fuq il-'*Lands*' biex jitlesta il-ftehim tal-estensjoni tal-kmamar li kienu jintużaw mill-Agrikoltura, kemm jista jkun malajr sabiex il-Kunsill ikabbar l-uffiċju tiegħu. √

4.5 Is-Sindku ippropona li fil-Pjazza Tabib Chetcuti jitneħħew is-siġar li qed iħammġu u minflokhom isir spazju għall-parkeġġ. Il-Kunsill approva.

4.6 Is-Sindku ssuġerixxa li fit-Triq Kurat Calleja jitpoġġew '*bollards*' bir-*remote control* li jintużaw mir-residenti taż-żona – Għandu tintalab stima.

4.7 Is-Sindku ħabbar li ser jaħtar lis-Sur Joe Chetcuti bħala assistant persoali tiegħu biex jiggwidah f'materji ta' a) Media b) Kummerċ u c) bħala sub-editor tal-magazine tal-Kunsill. L-Editur ikun is-Sindku.

4.8 Is-Sindku ħabbar li l-Agrikoltura approvat it-tneħħija tas-siġar fil-ġnien Reggie Cilia – biex jitkabbar l-istand tal-Club tal-Boċċi. Il-perit tal-Kunsill għandu jipprepara l-applikazzjoni lill-MEPA.

## 5.0 Mozzjonijiet

Il-Kunsillier Joe De Martino qajjem oġġezzjoni għal mod kif ġew preżentati l-mozzjonijiet peress li ma kienx hemm żmien biżżejjed ta' sitt ijiem li kellhom ikunu preżentati lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa.

Is-Sindku wieġeb illi l-Avviżi tal-mozzjonijiet ikunu mqassma skond il-proċeduri skond *standing order* – Skeda 6-#7.

Il-Kunsillier De Martino baqa jinsisti fuq li kien qal u bħala protesta ħareġ il-barra. Il-Kunsillier Shirley Farrugia,Marthese Mifsud u Nicola Fenech Adami għamlu l-istess u ħarġu l-barra fid-9.42 p.m.

Peress li kien hemm '*Quorum*', il-laqgħa tkompliet.

Is-Sindku ppreżenta l-mozzjonijiet għad-diskussjoni u l-approvazzjoni.

### 5.0.1 Bye Law: Hoarding of Construction Site

Peress li fil-lokalita' tagħna hemm ħafna siti pubbliċi bħal-bankini u toroq li qed ikunu okkupati mill-kuntratturi waqt iż-żmien ta' kostruzzjoni u qed ikunu ta' inkonvenjenza kbira għar-residenti, u peress li A.L 119 jaħseb għad-depozitu ta' materjal ta' kostruzzjoni u oġġetti oħra, izda ma jagħħmiliex ċara dan il-fatt dwar il-*"hoarding*", nipproponi illi l-Kunsill jintroduċi *'Bye Law"* f'dan ir-rigward

-----------------------------------	-----------------------------------

Proponiment
Sindku

Sekondant: Chris Grech

Il-Kunsill approva unanimamnet illi ir-rata tkun ta' 20 cents kull metro kwardu – L-isem għandu jkun 'Okkupazzjoni ta' art pubblika għall-użu ta' kostruzzjoni – mhux applikabbli għal min jibni residenza waħda.

### 5.0.2 Responsabilitajiet u Sotto-Kumitati

Peress li waqt il-laqgħa tal-Kunsill No:2 tal-11 ta' April, 2007, ġew prezentati il-listi li jirrigwardja id-dmirijiet u r-responsabilitajiet tal-Kunsillieri, u is-Sotto-Kumitati, nipproponi li jkunu approvati.

-----------------------------------	-----------------------------------

Proponiment
Sindku

Sekondant: Chris Grech

Il-Kunsill approva unanimament.

### 5.0.3 Assenjar ta' Uffiċjal Klerikali

Peress lli l-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija mogħbija ħafna bix-xogħol klerikali, nipproponi li nitolbu lid-Dipartiment konċernat sabiex is-Sur Carmelo Camilleri ikun rilaxxat mid-Dipartiment tiegħu u jkun assenjat mal-Kunsill.

-----------------------------------------------  -------------------------------------------

Proponiment
Sindku

Sekondant: John Mary Camilleri

Il-Kunsill approva unanimament.

**5.0.4 Ħaddiema mal-Kunsill**

Peress li l-Kunsill huwa mogħbbi ħafna bix-xogħol, nipproponi li jiġu ingaġġati a) Żewg (2) ħaddiema klerikali u b) Wieħed (1) manwali (labourer) u qabel issir ezerċiżju dwar l-ispiża konċernata.

-----------------------------------------  ------------------------------------------

Proponiment
Sindku

Sekondant: Viċl Sindku

Is-sekondata oriġionali John Mary Camilleri irtira u l-Viċi Sindku Josette Agius Decelis issekondat hija stess.
Il-Kunsill approva unanimament.

**5.0.5 Resurfacing of Roads**

Peress li għadu kemm sar l-*embellishment* ta' Ta' Mlit, nipproponi li jsir ir-resurfacing bit-tarmak ta' dawn it-toroq a) Triq l-Antinni, b) Triq il-Kultellazz, c) Triq it-Trincetta d) Triq l-Istringell u e) Triq id-Dawr; u jintalbu l-istimi f'dan ir-rigward.

-----------------------------------------  ------------------------------------------

Proponiment
Sindku

Sekondant J.M. Camilleri

Saret l-emenda mressqa mill-Kunsillier J.M. Camilleri skond ittra ġa preżentata biex tiġi nkluża ukoll Triq l-Antinni li ġa kienet approvat mill-Kunsill preċedenti, Triq E.B. Vella u Triq is-Sgħajtar. Il-Kunsillier Paul Agius issekonda l-emenda. Il-Kunsill approva.

**5.0.6 Żbir tas-Siġar fil-Pjazza tar-Rotunda**

Peress li dawn is-siġar qegħdin ikunu ta' inkonvenjent għal pubbliku minħabba il-ħmieġ ta' l-għasafar, nipproponi illi dawn is-siġar isir liż-żbir tagħhom biex jitneħħa dan l-inkonvenjent.

-----------------------------------------  ---------------------------------------------

Proponiment
Sindku

Sekondant: J.M.Camilleri

Il-Kunsill approva unanimament.

**5.0.7 Kuntratti Preċedenti**

Peress li hemm Kunsill ġdid, nipproponi li l-kuntratti li saru qabel ikunu studjati mill-ġdid.

-----------------------------------  -----------------------------------

Proponiment Sindku

Sekondant: Chris Grech

Emenda mressqa mis-Sindku u sekondata mill-Viċi Sindku:

"Jiena, bħala Sindku diġa inizzjattiva dwar kull kuntratt li sar mill-Kunsill preċedenti. Għalhekk qed nressaq dan is-suġġett quddiem il-Kunsill u qed nitlob l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex nieħu l-apriri legali meħtieġa mingħand avukati ta' fiduċja tiegħl, u għa; dan il-għan qed nitlob l-approvazzjoni li jiġu ivvutati mhux aktar minn Lm 300 biex jagħmlu tajjeb, jekk ikun il-każ għal din il-konsulenza legali."

Il-Kunsill approva unanimament.

**5.0.8 <u>"Spustjar tal-Waste Separation Bins"</u>**

Peress li *separation bins* li jinsabu wara l-knisja u qed ikunu ta' *'eyesore'*, nipproponi li jitpoġġew banda oħra fit-Triq Avertan Fenech, skond is-*site-plan* prezentata.

-----------------------------------  -----------------------------------

Proponiment Sindku

Sekondant: J.M. Camilleri

Emenda mis-Sindku: u tiġi installata CCTV u mill-lum il-quddiem il-'Wasteserv' ma tpoġġiex aktar 'Bins' mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill.
Sekondata mill-Viċi Sindku. Il-Kunsill approva.

**5.0.9 <u>"Handyman"</u>**

Peress li il-Handyman huwa kkontrollat b'kuntratt, dan għandu żomm mal-ħinijiet skond kif stipulat fill-kuntratt u kull ħin żejjed għandu ikun approvat skond il-kuntratt.

-----------------------------------  -----------------------------------

Proponiment Sindku

Sekondant: Chris Grech

Is-Sindku ressaq emenda illi is-sigħat ikunu il-"minimi" skond il-kuntratt. Il-Viċi Sindku sekonda. Il-Kunsill approva unanimament.

**6.0 Pagamenti**

Din l-item fuq l-agenda għandha tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

**7.0 Tmiem il-Laqgħa**

**7.1 Is-Sindku**

ppropona illi fit-Triq il-Kostituzzjoni faċċata ta' Marfel Stationery No:30 issir "loading/unloading bay" u tinġib l-approvazzjoni mill-ADT.

**7.2 Il-Kunsillier Chris Grech**

Ippropona a)illi ir-rampi tal-konkos li jinsabu taħt il-bankini u li huma kontra l-liġi għandhom jitneħħew u jkunu skond il-liġi, b) illi jitwaħħlu tliet (3) bollards bil-katina wara is-City Bar c) illi kull talba għall-"*Reserved Yellow Lines*" / ikunu taħt il-kontroll tas-sottokumitat tat-"Traffic Management" u d) illi fit-Triq San Silvestru jsir studju ta' "*traffic management*" fil-junction tal-kapella ta' San Silvestru k/m Vjal Indipendenza . Il-Kunsill approva.

**7.3 Il-Kunsillier Mario Sammut**

Ippropona li jsir attiviat għal-"Jum l-Omm" fis-Sala tal-Komunita' nhar il-Ħamis 05/07. Fid-9.30 a.m. isir quddiesa fis-sala u wara jkun hemm varjeta minn Benny u Tonia. Għandu issir bibita li ser tiswa sa Lm 99.00. Il-Kunsill approva il-ħlas ta' Lm 99.00.

**7.4 Il-Kunsillier Kirby Fenech**

ħabbret li ser torganizza "Football Tournment" nhar il-Ħadd 20 ta' Mejju 2007 u talbet lill-Kunsill biex jisponsorja ix-xiri tat-trophies sa Lm 50.00. Il-Kunsill approva.

**7.5 Il-Kunsillier Paul Agius**

1) Ilmenta li l-impjegat tal-Kunsill Joe Borg qed isuq il-mutur bil-"*crash helmet*" mhux marbuta
2) Preżenta xi ritratti li juru ix-xogħolijiet tat-tindif tal-ġonna mill-ELC –dwar il-progress li sar.
3) Talab li jkollu il-programm li għandu l-kuntrattur dwar is-"*street cleaning*"
4) Ilmenta li l-impjegat tal-Kunsill Joe Borg qed jgħid lill-ħaddiema tal-ELC li huma mhumiex qed jagħmlu xogħolhom sewwa.

**7.6 Il-Viċi Sindku**

1) Issuġġeriet illi il-funtana li hemm fil-playing field taż-Żokrija timtela bil-ħamrija, minflok bl-ilma sabiex jiġi evitat il-periklu lit-tfal.
2) Issuġġeriet li jsir talba lill-Housing Department biex il-konki li hemm f'Ta' Mlit ħdejn il-ħwienet, faċċata tad-dar ta' l-Anzjani isirilhom il-manutenzjoni meħtieġa.
3) Ġibdet l-attenzjoni illi fit-Triq iċ-Ċinju, hemm plot vojta li qed tintuża bħala "dumping area" .
4) Talbet li il-Bus Shelter li hemm fil-Pjazza jitnaddaf mill-kuntrattur "Steelshape".
5) Talbet li "yellow lines" li jinsabu quddiem garage fit-Triq San Silvestru, faċċata ta' Gardenia House, biex jitneħħew.

**7.7 Is-Sindku**

Qal li għandha tinkiteb ittra, lid-Direttur ta' L-anzjani biex fid-Day Centre - Ċentru ta' Matul il-Jum – tal-Mosta, li f'dan iċ-ċentru hemm bżonn ta' *air-condition* u *water cooler.*

L-agenda ġiet eżawrita kollha.

Il-laqgħa spiċċat fin-nofs il-lejl (00.00 AM)

Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Alphonse Anastasi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI MOSTA